# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 4/2020 SG**

**Anthony Attard**

**vs**

**George Attard**

**Illum il-Ħamis, 23 ta' Settembru 2021**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Anthony Attard ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2020 fejn ġie premess:

"1. *Illi l-attur Anthony Attard permezz ta' skrittura datata sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) silef lill-konvenut is-somma ta' tnax-il elf, disa mija u sittin lira Maltin (Lm 12,960) pari ghal tletin elf, mitejn u hamsa u tletin euro u tmienja u sittin centezmu (EUR 30,235.680);*

2. *Illi matul is-snin kienu jsiru pagamenti regolari mill-konvenut lill-attur tal-imghax dovut fuq din is-somma mislufa izda l-kapital sallum baqa' qatt ma thallas lura. L ahhar pagamenti ta' imghax dovut saru fis-sena elfejn u sbatax (2017);*

3. *Illi l-attur Anthony Attard interpella diversi drabi lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont dovut inkluz permezz ta' ittri ufficcjali u ittri interpellatorji izda l-konvenut baqa' dejjem inadempjenti u ma ghamel xejn;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex previa kwalsiasi ordni li jidhriliha xierqa u opportuna:*

1) *tiddikjara illi l-konvenut George Attard ghandu jaghti lill-attur Anthony Attard is-somma ta' tletin elf, mitejn u hamsa u tletin euro u tmienja u sittin centezmu (EUR 30,235.68c) flimkien ma imghaxijiet li ghadhom dovuti fuq l-istess somma;*

2) *tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma lill-attur Anthony Attard."*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficiali, tal-ittri interpellatorji u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata ta' George Attard ippreżentata fit-22 ta' Settembru 2020 fejn ġie eċċepit:

*"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fattu u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;*

*2. Illi preliminarjament qeghda tigi eccepita l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba tal-attur;*

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qeghda tigi eccepita wkoll il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (d) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba ghall imghaxijiet;*

*4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma huwa dovut jaghti l-ebda hlasijiet lill-attur in konnessjoni mat-talbiet kif kontenuti fir rikors guramentat;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt."*

Semgħet il-provi dwar l-eċċezzjonijiet ta' preksizzjoni sollevati.

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti ppreżentati.

Rat li nonostante li l-Qorti tat żmien għall-preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet, l-ebda parti ma ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet rispettiva tagħha.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mill-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut invoka l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba tal-attur u dik tal-Artiklu 2156(d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba għall-imgħaxxijiet.

L-Artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

*'2156. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' hames snin:*

…

*(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta'dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena…*

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;'.*

Flimkien ma' l-Artikolu 2156 jridu jiġu wkoll allaċċati l-Artikoli 2137 u 2160 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

*"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjonitista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Filwaqt li l-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

*'(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt ilkawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

*(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*

*(3) Fil-proceduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.'*

Illi għalhekk dwar din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jiġi kkunsidrat (i) minn meta jibda jiddekorri l-perijodu preskrittiv u (ii) l-ġurament tad-debitur li tirrikjedi l-liġi.

Il-Qorti sejra tibda billi teżamina jekk sarx il-ġurament tad-debitur li tirrikjedi l-liġi, hekk kif rikjest mill-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-Qorti għandha tikkunsidra mhux biss id-dekors tal-ħames snin kif eċċepit mill-konvenut iżda f'eċċezzjoni bħal din għandhom ukoll jiġu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Bottega Del Marmista Ltd -vsPaul Mifsud et deċiża fis-26 ta' Jannar, 2018 fejn ingħad:

*'… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw ilgurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom.*

*Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas ilkonvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed ilkonvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat flartikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghallpreskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta lkonvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '… Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova lmezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur.'*

Illi għalhekk il-posizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tiegħu fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni saret waħda attiva u dan fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża għandu jikkonferma li m'huwiex debitur. Fis-sentenza P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Frar, 2018 ġie eżaminat fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk ingħad:

*"L-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili biddlu parti mix-xenarju sa fejn jirrigwarda lpreskrizzjonijiet qosra jew partikulari. Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-posizzjoni kienet li "Jekk lattur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista` jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu filkuxjenza tad-debitur" (ara "Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras", Qorti Civili, Prim` Awla, 16 ta` Jannar 1963 u "Salvatore Jacono -vs- Vincenza vedova Serra", Appell Civili, 4 ta` Frar 1927).*

*Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli safejn irrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bilfors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra in sostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili).*

*Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva billigi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti msemmija filproviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.*

*Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetah bieb li minnu dahlet l-opportunita' ghall-Attur biex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami lill-Konvenut, bil-beneficcji kollha li tista' ggib maghha l-procedura tal-kontro-ezami. Qabel l-emendi tal-2017 il-posizzjoni kienet ghal kollox differenti. Il-posizzjoni kif kienet qabel hija kjarament spjegata fis-sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Caruana Colombo fl-ismijiet Vincenzo Vella -vs- Carmela Sciberras tas-16 ta' Jannar 1963 fejn intqal hekk:-*
*"… … imma jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, dan ifisser illi hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-eccezzjoni eccepita u li ma kienx hemm ebda interruzzjoni jew sospensjoni taghha u jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz ikun qieghed jirrimetti ruhu*

*fil-kuxjenza tad-debitur. U malli jahlef skont il-ligi, fuq talba tal-kreditur, il-mezz ta' difiza, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett."*

*Jista' jkun il-kaz li llum, certu preskrizzjonijiet brevi u partikulari, ma baqghux effikaci proceduralment daqs kemm kienu qabel l-emendi. Ghalkemm huwa minnu li l-Istitut tal-preskrizzjoni dejjem holoq kontroversja morali u etika ghax il-prova tkun qed tigi rimessa lill-"foro conscientiae" tal-individwu. Izda minn naha lohra, huwa ukoll principju importanti, li min jippretendi li ghandu dritt, jrid jiehu kura tieghu billi jezercitah fi zmien ragjonevoli. It-termini ta' zmien fil-procedura, huma mahsuba li jaffermaw ic-certezza tad-dritt mhux biss ghall-kreditur izda ukoll ghad-debitur, altrimenti dan tal-ahhar jista' jibqa' indefinittivament passibbli ghall-proceduri, haga li ma hiex konsentita mill-ligi naturali. Il-ligi thares lejn il-moghdija ta' zmien, skont iccirkostanzi tal-kaz, bhala fattur naturali li jgib fix-xejn l-ezercizzju tad-dritt bl-akkwizizzjoni tieghu mit-terz jew l-estinzjoni tieghu."*

Dawn l-insenjamenti dehru anki fis-sentenza riċenti tal-Prim' Awla fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs. David Charles Bajada et (deċiża fil-25 ta' Frar 2021).

Il-Qorti tikkonsidra wkoll li min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu mhux biss jgħid taħt ġurament li hu mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa tħallsitx, iżda anki "jagħti r-raġunijiet u jispjega għaliex mhuwiex debitur." Fis-sentenza Louis Refalo et vs. John Grima et (deċiża fl-24 ta' Ottubru 2017 mill-Maġistrat Dr Paul Coppini), intqal li skont l-Art. 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili, debitur kellu jagħti r-raġunijiet għaliex iqis ruħu mhux debitur. Issa, l-Art. 2160(3) tal-Kodiċi Ċivili jgħid li jridu jingħataw raġunijiet "*fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156*".

Illi minn ħarsa lejn il-provi partikolarment lejn ir-risposta ġuramentata preċiżament fir-raba' eċċezzjoni, il-konvenut iddikjara bil-ġurament li huwa ma huwa dovut jagħti l-ebda ħlasijiet lill-attur in konnessjoni mat-talbet kif kontenuti fir-rikors ġuramentat. Ġie ppreżentat ukoll affidavit tal-konvenut fejn iddikjara li huwa ma għandu x' jagħti xejn lil attur u li din id-dikjarazzjoni qed jagħmilha ai fini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-istess verżjoni baqa' jsostniha anke fix-xhieda viva voce li ta meta ġie prodott bħala xhud mill-attur. Il-konvenut spjega wkoll li huwa kien ħallas kollox u għalhekk ma kienx baqalu xi jħallas lill-attur.

Il-Qorti tqis li l-konvenut issodisfa dan l-element meta l-konvenut kkonferma bil-ġurament li ma għandux x' jagħti lill-attur.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra issa tqis l-element tat-terminu ta' ħames snin.

Dwar minn meta beda jiddekorri l-perijodu preskrittiv, l-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Mill-atti jirriżulta li l-ftehim ta' self sar permezz ta' skrittura ffirmata fis-16 ta' Marzu 1994. Is-self kien għal erba' snin mentri l-imgħax kien jgħaddi bit-tmienja fil-mija fis-sena pagabbli fl-aħħar ta' kull sena a scaletta (Dok AA1).

Mid-dokumenti eżebiti u cioe' Dok AA2 eżebit mill-attur u Dok A, B, C , D , E, F u G eżebiti mill-konvenut, jidher li l-aħħar pagament li sar fir-rigward ta' dan id-debitu, kien proprju fit-2 ta' Novembru 2015 mentri l-pagamenti bdew isiru mill-20 ta' Ottubru 1997. Jirrizulta li f' Lulju 2019 (ittra uffcjali nru 440/2019), gietipprezentata ittra uffiċjali mill-attur kontra l-istess konvenut, liema ittra uffiċjali nterrompiet it-terminu preskrittiv. Din l-ittra uffiċjali ġiet ukoll notifikata lill-konvenut fit-30 ta' Lulju 2019. In parentesi jingħad li għalkemm Dok AA3 hija biss kopja informali ta' l-ittra uffiċjali, din il-Qorti rrintraċċat l-ittra uffiċjali li ġiet eżebita u dana stante li fir-rigward ta` atti ġudizzjarji, il-Qorti għandha tieħu kont tagħhom peress li ġialadarba huma atti ġjaċenti fir-reġistru tal-qorti, l-istess Qorti għandha l-mezzi għad-disposizzjoni tagħha sabiex tivverifika dak l-istess att u taċċerta ruħha li l-att mhux biss ġie ntavolat iżda wkoll notifikat. F` dan is-sens kienet is-sentenza mogħtija mill-qorti a` l-Appell Inferjuri fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Limited deċiża fit-22 ta` Jannar 2010 .

Il-Qorti tirrileva imbagħad li fl-14 ta' Jannar 2020, ġiet ippreżentata din il-kawża, li interrompiet it-terminu preskrittiv.

Il-Qorti tqis li l-Artikolu 2134 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li l-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih. Qieset ukoll l-artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jagħmilha ċara li l-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhomiżommu l-jedd tagħhom. Imbagħad l-Artikolu 2136 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għaliex wieħed jippreskrivi, iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid.

Għaldaqstant jirriżulta li l-preskrizzjoni kienet qed tiġi interrotta ma' kull pagament li sar u sussegwentement ġiet interrotta bl-ittra uffiċjali u bil-preżentata ta' din il-kawża.

Il-Qorti qieset ukoll li mill-ircevuti ezebiti jidher li kien hemm pagament fl-1997 u mbagħad dan ġie segwit biss fl-2008. Madanakollu kif intqal fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet Gauci Eucharistico vs Borg Jesmond et, huwa paċifikament notorju illi jeżistu ċirkostanzi li manifestament jiddemostraw illi l-preskrizzjoni eċċepita hi nkompatibbli meta jirriżultaw ċerti attijiet

oħra. B'eżemplari jistgħu jissemmew il-każ tar-rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jiċħadx id-dejn, il-pagament akkont, il-prova tal-ammissjoni tad-dejn u l-kompensazzjoni. Dawn l-eżemplari kollha jirrientraw fil-kwadru ġuridiku aħjar konoxxut bħala rinunzja għall-preskrizzjoni. Ir-rinunzja tal-preskrizzjoni mhix eċċezzjoni fis-sens proprju u tista' titqajjem mill-Qorti anki ex officio basta li l-fatti in sostenn ta' l-istess ikunu ġew ritwalment akkwiżiti fil-proċess.

Fis-sentenza deċiża fid-9 ta' Frar 2005 il-Qorti ta' l-appell inferjuri fil-kawża fl-ismijiet Psaila Austin vs Slabick Lother qalet li huwa paċifiku illi meta tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur għandu għad-disposizzjoni tiegħu diversi għażliet possibbli biex jikkombattiha. Ad exemplum, l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att ġudizzjarju (Artikolu 2128, Kodiċi Ċivili) jew billi juri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'ċerta attitudni tiegħu l-konvenut debitur qiegħed lilu nnifsu f' sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-presunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodiċi Ċivili. Intqal li r-rikonoxximent stabbilit mill-preċitat Artikolu 2133 jestrinsika ruħu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni espliċita jew bi kwalsiasi fatt ieħor li jimplika l-ammissjoni ta' l-eżistenza tad-dritt bħal per eżempju l-wegħda tal-ħlas, talba għad-dilazzjoni tal-pagament, il-ħlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-suċċessjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts. Jinsab preċiżat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-ġurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt għal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiżiti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivoċita`, dejjem b' mod esterjoriżżat. Rekwiżiti dawn li hu neċessarju li jikkoeżistu flimkien fl-istess att.

Il-Qorti żżid tgħid illi meta t-terminu ta' preskrizzjoni jkun laħaq iddekorra, l-attur kreditur jista' jipprova li kien hemm ir-rinunzja għal tali terminu ta' preskrizzjoni da parte tal-konvenut debitur. Dan seħħ meta nonostante li t-terminu preskrittiv kien laħaq iddekorra bejn l-ewwel pagament li sar fl-1997 u l-pagament li segwih fl-2008, il-konvenut baqa' jħallas l-ammont tad-debitu dovut minnu. Il-fatt li l-konvenut baqa' jħallas almenu sa Novembru 2015, hija prova li l-konvenut kien irrinunzja għat-terminu ta' preskrizzjoni li kien laħaq iddekorra. Del resto l-istess Liġi, senjatament l-Artikolu 2109 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita. Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma v. Joseph Quattromani, Appell Ċivili Nru. 464/00 deċiża fid-19 ta' Mejju 2004, l-Artikolu 2109(1) tal-kap.16 testwalment jipprovdi illi "ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita". Fil-każ ta' rinunzja espressa din trid tirriżulta minn espressjonijiet ċari w univoċi; fil-każ ta' rinunzja taċita din għandha tiġi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tiġi deżunta ma tkunx tista' tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja (Art. 2109(2); "Michele

Tabone et v. Emmanuele Sammut noe" Prim' Awla, 10 ta' Ottubru 1959; "Carmelo Galea v. Dottor Albert Camilleri noe, Appell Ċivili, 18 ta' Marzu 1977). Hija dottrina komunement aċċettata illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volontà inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika għall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japprofitta ruħu mill-preskrizzjoni kompjuta. B'hekk kuntrarjament għal dak pretiż mill-konvenut, wara li jkun għadda t-terminu ta' preskrizzjoni l-allegat debitur jista' f'ċirkostanzi kongruwi jiġi li jirrinunzja għal dak it-terminu ta' preskrizzjoni u għaldaqstant ma jkunx jista' jinvoka jew jibqa' jinvoka l-preskrizzjoni bħala difiża kontra t-talba attriċi għall-ħlas (Vide Pius Grech et noe v. Dr. Charles Xuereb et, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Diċembru 1976 u Raymond Grech pro et noe v. Stefan Borg, Ċitaz. Nru. 2165/00, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju 2001).

Il-Qorti tqis li bil-pagamenti li saru mill-konvenut, huwa rrinunzja għall-preskrizzjoni li kienet laħqet iddekorriet favur tiegħu qabel ma' ġew istitwiti l-proċeduri ġiudizzjarji odjerni.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti sejra tiċħad entrambi l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.**

**L-ispejjeż relatati ma' din is-sentenza in parte għandhom jibqgħu riservati għal ġudizzju finali.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur